**MILL-IMRAR GĦALL-ĦLEWWA** — Novelli ta' Ġużi Mallia. pp. 144—The Progress Press Co. Ltd., 1945.

Ktieb ta' novelli huwa bla ebda dubju aktar magħġub mill-pubbliku in-ġenerali minn ktieb ta' poeżija, u dan, il-għaliex ħafna huma dawk li jithennew aktar jaqraw dik li jsejħulha "storja" milli jaqraw poeżija li meta tkun profonda fil-ħsieb tagħha u maħduma b'konċiżjoni kbira ma tantx jaslu malajr biex jifhmu dak il-ġmiel u seħer li jkun jinsab mostur b'għaqal kbir mis-sengħa tal-poeta fi ftit versi. Il-proża hija ħaġa li tiftiehem aktar malajr u għalhekk tiswa wisq bħala għodda ta' tagħlim.

Il-ktieb ta' novelli ta' Ġużi Mallia huwa għaldaqshekk rigal sabiħ f'idejn kull familja Maltija—rigal li jista' jinqara bi profitt, id-dar, fil-għaxija meta kulħadd ikun miġbur taħt saqaf wieħed u madwar meida waħda. Ġeneralment il-familji tagħna huma neqsin wisq mill-qari u għalhekk ta' bil-fors li moħħ il-kotra jibqa' biex qatt ma jara d-dawl meħtieġ.

Fil-"Kelmtejn Qabel" mill-Onor. Karmenu Vassallo, wieħed jintebaħ malajr bis-siwi kbir letterarju tan-Novelli ta' Ġużi Mallia. Dan il-ktieb jiġbor 11-il novella li la huma qosra u l-anqas twal. Bejn novella u oħra Ġużi Mallia għaraf ideffes poeżija ċkejkna li tagħmel tajjeb ħafna bħala tibdil, għalkemm wisq naħseb li min jaqbad f'idejh in-novelli Malliani, wara li jaqra l-ewwel novella igħaddi dritt għan-novella ta' wrajha, imxennaq kif ikun mill-għamla tal-kitba u s-seħer tal-karattri ħajjin li jsib u jħalli għall-aħħar il-poeżiji kollha kif ġara lili meta qbadt f'idejja l-ktieb "Mill-Imrar għall-Ħlewwa"; infatti dawn in-novelli fihom siwi letterarju kbir, frażjoloġija mill-aħjar u reqqa kbira fil-għażla tal-kliem u tal-karattri, fil-waqt li għandhom xeħta ġdida fil-qasam tan-novelli Maltin.

Ġużi Mallia jidher li għamel studju fit-tul u bil-għaqal fuq kitba ta' novellisti Ingliżi u għaraf isoff ħafna għerf u teknika li huwa ħadem u għaġen tajjeb bil-makna tal-qawwa letterarja ta' moħħu u ta' qalbu mingħajr ma fl-istess ħin waqa' fil-plaġjariżmu: jiġifieri Ġużi Mallia għamel sewwa sew bħan-naħla bieżla li ssoff il-ward u s-sagħtar, tieħu minnhom il-"polline" u tagħġnu u tibdlu f'għasel li huwa materja differenti għalkollox.

Fost in-novelli li jinsabu miġburin f'dan il-ktieb jinsabu wħud ippremjati u msemmijin b'tifħir f'konkorsi kbar ta' kitba Maltija: huwa ta' min jikkwota dak li kien qal lil Ġużi Mallia l-mejjet Dr. Ġużè Bonnici M.D., kittieb Malti magħruf biżżejjed, dwar in-novella "Ir-Raħeb ta' l-Iġbla", li huma dawn il-preċiżi kelmiet: "Iktibli mqar nofs tużżana bħalha, u jien noħroġhomlok fi ktieb". Dr. Bonnici kien qed jitkellem dwar il-kotba tal-Gabra ta' Kitba Maltija. L-anqas huwa mbagħad ta' min ma jikkunsidrax il-ġudizzju letterarju ta' żewġ eżaminaturi gwappi, il-magħruf Professur Saydon u s-Sur Nin Cremona, dwar in-novella "Atumokra" li biha Ġużi Mallia kiseb premju fil-Konkors imniedi mill-*Malta Missjunarja* fl-1941, jiġifieri li fiha: "Dik l-intensità psikoloġiko-drammatika li tixraq lill-aħjar kittieba." Minn dan jidher x'kapaċità għandu Ġużi Mallia bħala novellist.

Nagħtu l-prosit xieraq lil Ġużi Mallia u nħeġġu lil kulħadd li jixtri l-ktieb tan-novelli tiegħu: "Mill-Imrar għall-Ħlewwa".

KELINU VELLA HABER.



# L-ISTUDENTI U L-KONKORS TIJATRALI

Billi huma mħabbtin bl-eżamijiet, l-istudenti tal-Fergħa Drammatika, Għaqda tal-Malti (Università), ma setgħux jieħdu sehem fil-Konkors Tijatrali, bħalma xtaqu.

Hawn taħt jidhru żewġ ittri li għaddew bejn is-Segretarju tal-Fergħa Drammatika (Università) u s-Segretarju tal-Konkors:—

"Union" ta' l-Università Rjali,
220, Triq San Pawl, Valletta.
27 ta' April 1946.

Lis-Segretarju, Kumitat Organizzatur,
Konkors Tijatrali 1946.

Sinjur,

Waslilna l-programm tal-"Konkors Tijatrali 1946" li inti għoġbok tibagħtilna.

Ġejt mitlub mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Fergħa Drammatika, Għaqda tal-Malti (Università), biex irroddlok ħajr u fl-istess waqt nixtieq, lilek u lill-Kumitat Organizzatur, kull suċċess fil-ħidma tagħkom biex tgħollu d-Drama Maltija u biex Malta jkollha t-Tijatru Nazzjonali tagħha. Dawn huma l-għanijiet tagħna wkoll.

Filwaqt li nselli għalik,

Għoddni dejjem tiegħek,
G. SALIBA.
Segretarju, Fergħa Drammatika.
Għaqda tal-Malti (Università).

* * *

**TWEĠIBA**

65, Tower Road, Sliema.
Id-29 ta' April. 1946.

Lis-Segretarju, Fergħa Drammatika,
Għaqda tal-Malti (Università).

Sinjur,

Il-kelmtejn sbieħ tiegħek waslulna sewwa sew waqt laqgħa tal-Kumitat Organizzatur li talabni nżżikhajr—lilek u lill-Kumitat Eżekuttiv.

Huwa ta' faraġ kbir għalina li naraw l-istudenti universitarji tagħna, il-mexxejja ġejjiena tal-Poplu Malti, jingħaqdu magħna fil-ħsieb tal-Konkors Tijatrali li l-għan ewlieni tiegħu huwa t-tagħlim tal-kotra u l-mixi 'l quddiem ta' Lsien Art Twelidna. Dawn huma l-ewwel passi għall-bini ta' Tijatru Nazzjonali.

Filwaqt li nixtiqilkom kull progress fl-istudji tagħkom,

Nitolbok tgħoddni dejjem,
Ħukhom f'isem Malta,
N. BIANCARDI,
Segretarju.